

*Sena taf tgħaddi u lanqas tkun indunajt jekk wieħed ma jieħux l-affarijiet bis-serjeta'. Għalhekk l-importanza ta' pjan ta' ħidma f'kull biċċa xogħol li wieħed jkun ser jagħmel. U hekk jagħmel kull sena l-kumitat eżatt kif tgħaddi l-festa. L-ideat jibdew iberrnu minn xhur qabel fl-imħuħ tal-membri u fil-jiem tal-festa, waqt iċ-ċelebrazzjonijiet stess, wara li l-kumitat ikun lesta xogħlu l-kbir u jkun qed jgawdih b'sodisfazzjon, il-membri ssoltu jitkellmu fuq ix-xogħol li sar filwaqt li jaqsmu ma sħabhom xi ideat għas-sena ta' wara sabiex il-festa tkun isbaħ u akbar sena wara sena. Tgħaddi l-festa u jiġu l-ewwel laqgħat ta' warajha meta kulħadd ipoġġi l-ħsibijiet u l-ħolm tiegħu fuq mejda għad-diskussjoni.*

# Mill-Maħżen tal-Kumitat

Din hi proċedura li l-kumitat jgħaddi minna sena wara sena. Għalhekk is-sena l-oħra immedjatament wara l-festa beda x-xogħol fuq il-pjan ta' ħidma u sa Ottubru l-pjan kien diġa' beda jiġi attwat. U l-ħidma baqgħet għaddejja bla waqfien matul is-sena sa l-aħħar ġranet ta' qabel il-festa meta jsiru l-irtokki finali.

Kif ingħad is-sena l-oħra, l-kumitat kellu jibda x-xogħol ta' restawr fuq sett ta' trofej antiki eżatt wara l-festa. U hekk filfatt sar grazzi għal Colin Schembri u Victor Tanti li qaxxru ż-żebgħa l-antika u stukkjaw u ssodaw il-gwarniċi kollha ta' dan l-armar antik. Il-bażijiet ta' dawn it-trofej kellhom isiru mill-ġdid u hawn daħlu Simon Buġeja u Joe Sultana li lestew il-bażijiet għas-sett kollu ta' tmienja. Naturalment ser isiru ukoll armi ġodda għal ma' l-iskudetti u dawn qed isiru minn Chris Micallef. B'hekk din is-sena ser naraw l-ewwel żewġ trofej li għalissa ser ikunu bojod sakemm jitlestew l-oħrajn biex imbagħad jiġu rħamati kollha f'daqqa.



*Colin Schembri jaħraq iż-żebgħa l-antika*



*Roger Muscat jaħdem fuq it-trofej.*

L-ewwel persuna li jumejn wara l-festa diġa' ssibu fuq il-post tax-xogħol huwa Roger Muscat li f'idejh jinsab ix-xogħol tad-drapp il-ġdid li l-kumitat qed iżanżan kull sena b'impenn sħiħ li jsebbaħ il-pjazza. Din is-sena Roger kompla jaħdem fuq is-sett ta' bandalori ġodda għall-Pjazza tal-Qalb ta' Ġesu' li minnhom ser naraw tnejn ġodda, kif ukoll ħa f'idejh id-drapp tat-trofej billi ddiżinja u ħadem il-bandalori għalihom bl-għajnuna ta' Ġuża Bugeja li xxellel u ta' Sylvia Schembri li tagħmel ix-xogħol kollu tal-ħjata. B'hekk din is-sena ser naraw it-trofej kompluti bil-bandalori u l-bnadar magħhom. Insemmu ukoll li Roger għamel ix-xogħol kollu tal-ħadid għal dawn it-trofej. Il-kumitat jixtieq jirringrazzja lill-familja Schembri, l-familja Tanti u lill-kumpanija *Mc Donalds* tad-donazzjoni tagħhom għall-ispejjez ta' bandalora.

Ix-xogħol fil-maħżen prinċipali ukoll ma qata xejn u minn Settembru beda x-xogħol fuq l-antarjoli minn Joseph, Silvio u Michela Dalli u Brian

Muscat li xkatlaw u reġgħu żebgħu sett ta' 30 arblu mill-ġdid. Inbdiet ukoll il-liedna ġdida għall-pjazza li ser tieħu post l-antika li spiċċat maż-żmien. Din qed issir mill-istess Joseph, Silvio u Michela Dalli, Julian Mamo, Julian Borg, Robert Vella, Ianes Borg, Matthew Grech, Stephania Borg u Joseph Tanti. Sar ukoll xi xogħol ta' manutenzjoni fuq sett ta' 40 labarda li kienu nħadmu minn Roger Muscat fis-snin disgħin u li ġew xkatlati u miżbugħa mill-ġdid u b'hekk kisbu d-dehra oriġinali tagħhom. La qed insemmu l-maħżen, ta' min jgħid ukoll li sar manutenzjoni fuqu mmexxi minn Simon Bugeja bis-sehem ta' l-aħwa Dalli, Chris Attard u Brian Muscat.



*Il-liedna li qed tinħadem mill-ġdid.*

Kulħadd jaf li l-proġett prinċipali tal-kumitat matul dawn l-aħħar tlett snin kien sett ta' sitt statwi ta' anġli li qed jinħadmu b'ħila u sengħa mill-artist żgħażugħ Aaron Camilleri Cauchi. Kif tafu dawn qed isiru bis-simboli tal-qaddis Patrun tagħna u diġa rajna żewġ anġli, wieħed iħaddan il-qaws u l-vleġeġ u l-ieħor dgħajsa. Fil-festa tas-sena l-oħra avviċinajna lill-familja Busutill grazzi għas-Sur John Agius, li kien strumentali fit-taħdidiet tagħna, sabiex jgħinuna f'dan il-proġett. U bi pjaċir inħabbru li din is-sena bl-għajnuna ta' din il-familja ser ikollna żewġ anġli ġodda, wieħed qed iħaddan is-sejf u l-ieħor l-elmu. Wieħed minn dawn l-anġli ser jiżżanżan għall-festa ta' din is-sena filwaqt li r-raba' anġlu, jekk ma jkunx lest għall-festa ser jingħatalna sa l-aħħar tas-sena. Din is-sena ukoll grazzi għal din il-familja b'qalb kbira ser jiżżanżnu ukoll tlett kolonni ġodda għal dawn l-istatwi fuq diżinn ta' Aaron stess u xogħol ta' Jesmond Mizzi.

**Il-President flimkien mal-membri kollha tal-Kumitat Festa San Ġiljan jixtiequ jroddu ħajr lill-familja tal-mibki Louis Busuttil, lil martu Therese u lil uliedu Franco, Louiana u Jean Paul tal-ġenerożita u l-qalb kbira li wrew fid-donazzjoni tagħhom b'risq żewġ statwi ta' anġli u l-pedestalli tagħhom li ser ikunu qed jżejnu l-pjazza meraviljuża tagħna.**

Naħsbu li l-impenn li ħadna sabiex ninsġu libsa ġdida għall-festa tagħna żammejna miegħu u dan jixhdu mhux kliemna imma l-fatti li fil-jiem tal-festa ser taraw b'għajnejkom stess. L-armar ġdid jixhed il-ħidma u l-ħeġġa tal-membri tal-kumitat u ta' dawk kollha li qed jagħtu sehemhom sabiex l-ideat jissarfu f'realta' konkreta. B'hekk nixtiequ nuru l-apprezzament tagħna l-ewwel u qabel kollox lil dawk li jagħtu s-sehem attiv tagħhom fl-insiġ ta' din il-libsa ġdida kif ukoll lil dawk li jikkontribwixxu sabiex din il-libsa tkun l-ifjen possibbli u li turi l-kapaċitajiet u t-talenti tagħna l-Ġiljaniżi użati għal skop nobbli, li jingħata ġieh lil Patrun tagħna u nsebħu lil-lokalita' tagħna.

